MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Numru. 834/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jesmond J. Borg)**

**v**

**Richard Azzopardi ta' 55 sena bin Michael u Carmela nee Vella, imwieled Zebbug fl-24 ta' Novembru, 1949 u joqghod 70, Triq il-Qolla, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' 955649 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Richard Azzopardi li gie akkuzat talli fit-22/03/2003 u/jew matul is-snin/xhur precedenti bhala propjetarju u/jew amministratur

tal-fond 70, Triq il-Qolla, Zebbug b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setgha twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal Lm 400 liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemata.

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minhbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tapplika wkoll il-provediment li hemm fl-artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ammissjoni  bikrija ta' l-imputat.

Rat li l-imputat hallas lill-Enemalta u dan wara li semghet ix-xhieda ta' Eric Montfort tal-Enemalta.

Ghaldaqstnat qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 263, 270, 278, 280 281, 325 u l-artikli 17 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat l-artiklu 7 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------